# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

**FOLJU T'AĦBARIJIET**
**Numru 179 :: APRIL 2011**

**Editur: Paul Vella**


## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss se tkun nhar il-**Ġimgħa, 29 ta' April, 2011** (bħalma tinżamm dejjem, fl-aħħar Ġimgħa tax-xahar) fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri.

## XOGĦOL GĦAL-LEJLA MUŻIKO-LETTERARJA

Naf li għadu ftit kmieni, imma jekk hemm xi membri li għandhom xi xogħol għal-Lejla Mużiko-Letterarja ta' din is-sena tkun ħaġa tajba jekk jibagħtuh lil **Ray Anastasi, 19 Daimler Ave, Keilor Downs, Victoria 3038** biex ikun jista' jibda jaħdem fuqu u mhux kollox jaqa' għall-aħħar ħin.

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Kien hemm ħafna li ħallsu l-miżata waqt li kienu fl-aħħar laqgħa. Il-miżata għadha $10. Ħafna mill-membri ġa ħallsu fl-ewwel żewġ laqgħat tagħna u waqt il-BBQ li kellna fis-27 ta' Marzu.

## PREMJU INTERNAZZJONALI TAL-POEŻIJA (Nosside 2011)

***Il-ħabib tagħna f'Malta, is-Sur Patrick Sammut, tal-Għaqda Poeti Maltin u Ħbieb tal-Poeżija, kitbilna:***

"Infakkarkom li bħalissa għaddej il-Premju Internazzjonali tal-Poeżija, Nosside 2011. Din il-kompetizzjoni prestiġjuża fetħet nhar it-8 ta' Marzu u tibqa' għaddejja sat-30 ta' Ġunju 2011. Jipparteċipaw l-ilsna kollha tad-dinja, inkluż il-Malti. L-Għaqda Poeti Maltin hija waħda mill-partners internazzjonali tan-Nosside. Għal iktar tagħrif ara s-sit http://www.nosside.org jew ikkuntattja lid-Delegat ta' Nosside għal Malta, Patrick Sammut, fuq patrickjsammut@hotmail.com u l-link tar-regoli hi din: http://www.nosside.org/index.php?option=com_content&view=article&id=48&Itemid=59&lang=en Meta staqsejt lil Patrick jekk poeti mill-Awstralja jistgħux jieħdu sehem huwa qalli: *"Dan hu premju li fih jieħdu sehem poeti mill-5 kontinenti."*

## 100 SENA MIT-TWELID TAL-PROFESSUR GUŻE` AQUILINA

***Il-ħabib tagħna mir-Rabat, Għawdex, il-Kavallier Joe M. Attard, kitbilna:***

"Fl-okkażjoni tal-mitt sena mit-Twelid tal-Professur Guże`Aquilina li ser taħbat il-Ħamis 7 ta' April 2011, iċ-Circolo Gozitano ta' Pjazza Savina Victoria se jagħmel Serata f'ġieħu dak inhar stess fis-7.30pm li għaliha huwa mistieden il-pubbliku inġenerali. Se jieħdu sehem fost l-oħrajn is-Sur Pawlu Mizzi (li stampalu d-Dizzjunarju tiegħu f'sitt volumi) u Dr Joe Zammit Ciantar, żewġ Għawdxin li kienu jafuh mill-qrib flimkien ma' għadd ta' Kittieba Għawdxin. Iċ-Circolo flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Munxar se joħorġu wkoll f'din l-okkażjoni kartolina nnumerata. Fl-istess jum filgħodu l-iskola Primarja Ta' Sannat ukoll se tfakkar lil dan l-istudjuż Għawdxi li għalih hija msemmija l-iskola fejn ħa l-ewwel tagħlim tiegħu, iċ-ckejken Ġuże`. Il-Kunsill tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex se jfakkar lil Aquilina wara l-Għid. Il-Librerija Pubblika ta' Għawdex se ssellimlu wkoll il-Ħamis 14 ta' dan fl-okkażjoni ta' Jum il-Ktieb."



**Prof. Guże` Aquilina**

**Membri tal-Grupp Letteratura Maltija jiltaqgħu mal-Ministru tal-Edukazzjoni, Xogħlijiet u Familja, l-Onor. Dolores Cristina**



Nhar il-Ħamis, 24 ta' Marzu, waqt li l-Ministru, l-Onor. Dolores Cristina, kienet f'laqgħa ma' membri tal-Komunita` Maltija, fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, membri tal-Grupp Letteratura Maltija kellhom iċ-ċans li jiltaqgħu magħha. Fir-ritratt, mix-xellug: Salvina Vella, l-Onor Dolores Cristina, Rosemary Attard u Paul Vella.

# BBQ bla ħlas għall-membri tal-Grupp Letteratura Maltija









**Nhar il-Ħadd, 27 ta' Marzu, il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, organizza BBQ bla ħlas għall-membri kollha tal-Grupp. Dan il-BBQ inżamm fuq il-proprjeta` tal-membri Frank u Draga Bonett, Bulla, bħalma jsir is-soltu.**

Il-jum kien wieħed mill-aħjar b'tem-peratura ta' 21 grad C. Meta wasalna sibna li Frank u Draga ġa kienu ppreparaw l-imwejjed u s-siġġijiet għal madwar 50 membru u l-familji tagħhom li kellhom jattendu.

Kulħadd kellu ċ-ċans li jieħu kikkra te jew kafe` u ma damx li beda t-tisjir tal-laħam u z-zalzett li kien f'idejn Charles Attard u Joe Lofaro li f'kemm ilna ngħidu sajru kollox.

Kulħadd ġie servut l-ikel u kien hemm varjeta` kbira ta' *salads*. Inbid abjad u aħmar u xorb ħafif ġie provdut ukoll.

Wara l-ikel kulħadd mar biex jisma' lill-mużiċisti li tawna kunċert ta' madwar siegħa ta' daqq folkloristiku Malti u daqq ieħor. Il-mużiċisti kienu Manuel Casha, Joe Cutajar il-Witli, Fredu Cachia l-Fra u Joe Gauci, kollha fuq il-kitarri, Alfred Xuereb fuq l-orgni elettroniku, Laurie Armato fuq il-mandolina u Joe Camilleri fuq il-perkussjoni *(percussion)*. Kulħadd ħa gost bid-daqq tagħhom u nirringrazz-jawhom ħafna li ġew jingħaqdu magħna.

Wara kien imiss il-ħin għall-qari. Minħabba li fil-15 ta' Marzu kien l-20 anniversarju mill-mewt ta' Dr Ġuże` Abela, il-Fundatur ta' dan il-Grupp, osservajna minuta silenzju b'rispett lejh.

Il-qari beda billi Paul Vella u Laurie Armato qraw poeżija kull wieħed fuq Dr Abela, miktubin minn Manwel Nicholas-Borg u Baldass Armato, rispettivament, li llum m'għadhomx magħna.

Qari ieħor sar minn Maria Catania, Albert Agius, Michael Xuereb, Dr Victor Sammut, Marie Louise Anastasi, Ray Anastasi, u poeżija bħala dwett minn Rosemary u Charles Attard.

Imbagħad kien hemm tqassim ta' deżerta li kienet tikkonsisti f'varjeta` ta' frott u kejkijiet.

Saret preżentazzjoni żgħira lil Frank u Draga Bonett bħala ringrazzjament żgħir talli laqgħuna għandhom bħalma jagħmlu kull sena. Aħna mill-banda l-oħra nħossuna daqslikieku nkunu f'darna meta nkunu għandhom.

Nirringrazzjaw lil dawk kollha li ħadmu u organizzaw biex dan il-jum ikun wieħed ta' suċċess, kemm f'dak li hu xiri, tisjir u tqassim tal-ikel u x-xorb.

Nirringrazzjaw ukoll lil Victorian Multicultural Commission li dan kollu seta' jsir permezz ta' grant li jagħtuna kull sena.

## KALENDARJU TAS-SENA

- Il-laqgħa li tmiss se tkun il-Ġimgħa, 30 ta' April, fil-Boardroom taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm.
- Programm ad unur l-Isqof Joseph Grech: aktar tagħrif aktar 'il quddiem.

VICTORIAN multicultural commission

*Proudly supported by the Victorian Multicultural Commission*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**